# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU DISGĦA

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 10 ta' Settembru, 2002 fis-2.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku (4.16pm) |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

## AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Bus Shelters.
4) Diskussjonijiet Ġemellaġġ / Preparamenti.
5) Sejħa ta' Offerti.
6) Latrini Pubbliċi fi Triq il-Ħabs l-Antik.
7) Librerija Pubblika.
8) Rapport dwar Attivitajiet.
9) Mozzjonijiet.
10) Ilmenti mir-Residenti.

## 9 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

9.(1).1 Il-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Numru 7 li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2002 fis-6.30pm ġew moqrija mis-Sindku.

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, dawn il-Minuti ġew approvati kif ippreżentati.

9.(1).2 Wara ġew moqrija l-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 8 li saret nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awissu, 2002 fin-12.30pm.

Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi l-Kunsill approva l-Minuti nem. con. kif ġew ppreżentati.

## 9(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*9.(2).1 Day Care Centre għat-Tfal (06 / 08 / 2002)*

Saret laqgħa ma' l-Appoġġ dwar ftuħ ta' "Small Kids - Child Day Care Centre" fiċ-Ċentru bejn Ottubru u Novembru 2002.

Is-Sindku ressaq il-problemi li hemm għar-residenti mill-Isla minħabba li dan Iċ-Ċentru jinsab fid-daħla tal-Birgu. Is-Sindku ġie assigurat li tingħata attenzjoni għad-diffikultajiet li ressaq.

*9.(2).2 Xogħlijiet mid-Dipartiment ta' l-Ambjent (10 / 08 / 2002)*

Is-Sindku Joseph kellhu laqgħa mas-Sur Joseph Magro Operations Manager (Ambjent) dwar Xogħlijiet li kellhjom isiru fid-Daħla ta' l-Isla.

*9.(2).3 St. Michael's Press (12 / 08 / 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha kellem lis-Sur Dennis Azzopardi permezz tat-telefon dwar is-Sala ta' San Mikiel fid-daħla ta' l-Isla biex jara kif tista' tingħeleb il-problema li teżisti dwar Iċ-ċens. Għandha tintalab l-għajnuna tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

*9.(2).4 Krieb dwar l-Isla (13 / 08 / 2002)*

Is-Sindku kellhu laqgħa mas-Sur Charles Mifsud dwar ħruġ ta' ktieb dwar il-ġrajja ta' l-Isla.

*9.(2).5 Delegazzjoni mill-Comune tal-Belt ta' Cassino (26 sad-29 ta' Awissu 2002)*

*9.(2).5.1* Delegazzjoni mill-Comune tal-Belt ta' Cassino żaret l-Isla fuq stedina tal-Kunsill Lokali. Din iż-żjara saret bil-ħsieb li jiġi diskuss ġemellaġġ bejn il-belt ta' l-Isla u dik ta' Cassino.

*9.(2).5.2* Għal dan il-għan twettaq programm ta' attivitajiet u żjarat fil-lokal lill-Għaqdiet u postijiet ta' nteress.

*9.(2).5.3* Id-diskussjonijiet għandhom jitkomplew f'Cassino l-Italja wara li l-Kunsill jkun ħejja proposti kulturali għall-ġemellaġġ.

*9.(2).6 Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku (30 / 08 / 2002)*

Is-Sindku attenda laqgħa fl-Uffiċċju tal-Viċi Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi dwar problemi fit-trasport pubbliku. Preżenti għal din il-laqgħa kien is-Sur Bruno (Awtorita Dwar it-Trasport), is-Sur Ugo Callus (Office Co-ordinator) u l-Kunsillier Charmaine Gerada.

*9.(2).6.1* Ġew diskussi dawn id-diffikultajiet li qed jolqtu lir-residenti Sengleani f'dawn l-oqsma :

- Nuqqas ta' office coordinator
- Aċċess għad-Dar ta' l-Anzjani f'Bormla
- Iċ-Ċentru Family Resource Centre fil-Birgu u għal kumpless Sportiv f'Bormla.

*9.(2).6.2* Hemm il-ħsieb li jsir trasport fuq sistema ta' link bejn il-bliet ta' Paola, Isla, Bormla, Birgu u l-Kalkara. Wieħed irid jara l-effetti kollha ta' din il-proposta.

*9.(2).6.3* Is-Sindku Joseph Casha reġa' għafas fuq l-importanza li jkun hemm karozza tal-linja għall-isptar kuljum filgħodu barra dik ta' wara nofsinhar.

*9.(2).7 Play Area - Triq il-Ħabs l-Antik (30 / 08 / 2002)*

F'kuntatt li s-Sindku għamel mal-MEPA ġie nfurmat li minn wara Marzu 2002 il-Perit Mariello Spiteri baqa' ma' bagħtx il-proposta kif proponuti mill-Kunsill.

*9.(2).7.1* Fid-29 ta' Lulju 2002 il-MEPA ddeċidiet li l-applikazzjoni tal-Kunsill taqa' għalkemm għad hemm id-ditt ta' l-Appell sat-30 ta' Settembru 2002.

*9.(2).8. EuroMed Heritage II - Delta Project ( 05/09/2002)*

Is-Sindku attenda għal stedina li saret lill-Kunsill minn din il-Fondazzjoni dwar studju u ppjanar tal-Wirt Kulturali fil-Harbour Area (Tlett Ibliet). Din saret fl-Universita' l-Qadima ġewwa l-Belt Valletta.

*9.(2).8.1* Jidher li diġa hemm disa' pajjiżi oħra b'kultura kbira li jixtiequ jafu aktar dwar il-Kultura tat-Tlett Ibliet, l-Għaqdiet u kif ukoll dwar il-ħajja fil-lokal. Aktar tard ser issir laqgħa oħra mal-Kunsilli Konċernati.

*9.(2).9 Preżentazzjoni ta' Kotba mill-PN ( 05/09/2002)*

Il-Partit Nazzjonalista ppreżenta sett kotba pubblikati mill-PIN lill-Kunsill Lokali ta' l-Isla flimkien ma' Kunsilli oħra.

Għal din il-preżentazzjoni kien hemm preżenti f'isem il-Kunsill, il-Kunsillier Charmaine Gerada.

*9.(2).10 Gardjola (04/1522/02/I*

Wara kuntatti li għamel, il-Kunsill ġie nfurmat mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera li min nhar il-Ħamis 12 ta' Settembru, 2002 ser jinġieb tower ladder sabiex issir spezzjoni biex jiġi stabbilit jekk hemmx ħsara fis-swar ta' taħt il-Gardjola.

*9.(2).11 Trasport għall-Isptar filgħodu (04/1613/02/I*

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li l-Awtorita Dwar it-Trasport dalwaqt ser jibda servizz tat-Trasport kuljum fis-7.45am barra dak li hemm wara nofsinhar.

*9.(2).12 Reserved Parking għall-Persuni B'Diżabilita'*

Il-Kunsill qabel li ssir Reserved Parking għal Persuni B'Diżabilita' f'Misraħ Papa Benedettu XV fl-ġenb taz-zuntier tal-Knisja Parrokjali ħdejn ir-rampa in-naħa ta' l-Oratorju.

*9.(2).13 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn is-26 ta' Lulju u s-6 ta' Settembru 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1459/02 Seminar Sidnku / Viċi Sindku*

Is-Seminar tas-Sindki / Viċl Sindki imtella mill-Assoċjazzoni Kunsilli Lokali ser isirnhar il-Ġimgħa 18 u s-Sibt 19 ta' Ottubru, 2002 fil-lukanda Mġarr, Għawdex.

*04/1462/02 Island Insurance Brokers*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Insurance dwar is-sigurta' ta' l-Impjegati u s-sit il-ġdid tal-Kunsill trid terġa tiġi rinovata minħabba t-tibdil fil-premises, il-premium tal-polza tas-sigurta' trid tinbidel

*04/1463/02 Ħaddiem tas-Sena 2002*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jinnomina xi Ħaddiem mil-lokal li fil-fehma tal-Kunsill jikkwalifika għal dan il-premju.

*04/1466/02 Drainage - Customer Care System*

Il-Kunsill irċieva tagħrif ta' kif isir it-tħaddim ta' din is-sistema mill-kuntratturi biex isewwu ħsarat li jsiru.

*04/1480/02 Sports Week*

Il-Kumitat Olimpiku Malti lest li joffri l-għajnuna tiegħu lill-Kunsilli li lesti jorganiżżaw Sports Week fil-lokal tagħhom.

*04/1506/02 Internet Telephone Booth*

Il-Kunsill informa lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u lill-Maltacom plc li t-telephone booth li hemm fi Misraħ 4 ta' Settembru qed tkun immarkata għall-E Government Services.

*04/1508/02 Talba mis-Senglea Athletics Nursery F. C..*

Il-Kunsill laqa' t-talba tas-Senglea Athletics F.C. Nursery u ġew infurmati li setgħu jużaw l-uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru ħalli jkunu jistgħu jpoġġu xi affarijiet bħal kits. Il-Kunsillier Reno Chircop kellhu jieħu ħsieb dan.

*04/1509/02 Programm - Map 3 TV*

Jinħtieġ tagħrif dwar il-Każin tal-Banda u Għaqdiet Lokali għal dan il-programm.

*04/1519/02 Klabb tal-Boċċi*

Il-Kumitat ta' dan il-Klabb talab biex jiltaqa mal-Kunsill biex jiddiskuti affarijiet pendenti. Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa.

*04/1517/02 / 04/1520/02 Anzjan tas-Sena 2002*

- Senglea Athletics F.C. innominaw lis-Sur Alfred Mizzi bħala l-Anzjan tas-Sena 2002 għal din l-Għaqda.
- Il-Banda Queen's Own innominat lis-Sur Emmanuel Cassar bħala Anzjan tas-Sena 2002 għall-Għaqda tagħhom.

*04/1521/02 Taraġ - Triq il-Ħabs l-Antik*

Wara li kienet saret talba mill-Kunsill, il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera ser jinkludi dan ix-xogħol fuq it-taraġ li hemm ħdejn il-Klabb tal-Boċċi, fil-programm ta' xogħlijiet għax-Xitwa tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

*04/1542/02 Sebbaħ Pajjiżek - Applikazzjonijiet*

Il-Kunsill qabel li jidħol fil-Kategoriji A02 - E10.

*04/1550/02 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (Malta)*

Qabel jingħata avviż ieħor ma' jiġix iffirmat il-Kuntratt "Provista ta' Servizz ta' l-Internet fil-Kunsilli Lokali".

*04/1552/02 Trenching Regulations*

Il-Kunsill innomina lill-Kunsillier Reno Chircop sabiex isiru kuntatti miegħu f'każ li jkun hemm bżonn ta' trenching urġenti.

*04/1562/02 Self ta' Ħaddiema mill-Malta Shipbuilding*

Il-Kunsill ġie nfurmat bil-kundizzjonijiet il-ġodda dwar self ta' ħaddiema mill-Malta Shipbuilding biex jitwettaq xogħol ta' proġetti fil-lokal.

Il-Kunsill Iħoss li l-kundizzjonijiet mitluba mhux vijabbli għal dan il-Kunsill.

*04/1569/02 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera 2002/2003*

Is-Sindku Joseph Casha reġa' ġie maħtur bħala Membru tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera b'seħħ mit-2 ta' Awissu 2002.

*04/1571/02 Towing & Clamping*

Il-Kunsill hu mitlub mill-Kumitat Konġunt biex jibgħat is-site plan illi jindika fejn hemm l-Area ta' Towing u Clamping. Laqgħa tal-Kumitat Konġunt fis-27 ta' Ġunju 2002.

*04/1584/02 Din l-Art Ħelwa*

Talbu biex jiltaqgħu mal-Kunsill dwar restawr fil-lokal u f'postijiet storiċi u Kulturali fil-lokal.

Il-Kunsill qabel li jsir dan.

*04/1594/02 Website Kunsill Lokali*

Il-Kunsill qabel li jsir "upgrading" tal-website skond kategorija numru 1. Is-Segretarju Eżekuttiv ingħata l-fakulta biex jieħu ħsieb isib kuntrattur biex skond din il-kategorija jkun jista' jieħu ħsieb dan it-tibdil u l-maintenance tal-website tal-Kunsilli.

*04/1595/02 Proġett Cottonera*

Ser issir laqgħa dwar dan il-proġett nhar il-Ġimgħa 13 ta' Settembru, 2002 fis-6.00pm f' Numru 67, Triq San Lazzru, Bormla imtella' mill-Moviment Graffiti u mill-Assoċjazzjoni tar-Residenti tal-Kottonera.

*04/1598/02 Seminar - Soċjeta' Turistika Maltija*

Din l-organiżazzjoni li twaqqfet dan l-aħħar ser torganiżża seminar fis-27 ta' Settembru 2002 fir-Residenza ta' l-Universita' f'Ħal Lija fil-5.00pm.

Ġew mistiedna tlett Kunsillieri.  Il-Ħlas huwa ta' Lm5.00.

*04/1617/02 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Dan il-Kumitat talab proposti mill-Kunsill biex ikun jista' jħejji l-Business Plan tiegħu għas-snin 2003 sa 2005.

## 9(3) Bus Shelters

Skond il-parir mis-Sotto Kumitat Proġetti fl-Isla, il-Bus Shelters offruti mill-Kumpanija Faces (li huma tal-ħġieġ ma' jaqblhux ma' l-Ambjent Karatteristiku u Storiku ta' l-Isla.

Il-Kunsill qabel li jistenna sakemm ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni jekk jaqbillux finazjarjament biex isiru tal-ħadid karatteristiku li jkun jaqbel aktar ma' l-ambjent lokali.

## 9(4) Diskussjonijiet Ġemellaġġ / Preparamenti

9.(4).1 Il-Kunsill qed jipprepara li jagħmel żjara ta' ħamest'ijiem fil-Belt ta' Cassino biex jiġi finalizzat dan il-ġemellaġġ.

9.(4).2 Il-Kunsill qabel li jissuġġerixxi lill-Comune ta' Cassino biex din lż-żjara ssir bejn il-11 u l-21 ta' Novembru 2002.

9.(4).3 Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-laqgħat bi preparazzjoni għal proġetti f'dawn l-isferi :

- Edukazzjoni - Sotto Kumitat / Kunsill Skolastiku
- Kultura - Każin tal-Banda Queen's Own
  - Kor tal-Knisja
  - Bronk Productions
  - Dance 2000
- Sportivi - Kumitat Football / Boċċi / Biliards

## 9 (5) Sejħa ta' Offerti

Il-Kunsill iddiskuta l-kuntratti eżistenti li għandhu l-Kunsill u li dawn kollha jiġu fi tmiemhom fil-31 ta' Ottubru 2002.

9.(5).1 *Street Sweeping & Cleaning li jammonta għal Lm 8, 800 fis-sena*
*Maintenance & Cleaning of Public Conveniences għal Lm 4, 200 fis-sena*

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada approva li dawn il-kuntratti ma' jerġgħux joħorġu għall-offerta meta dawn Iż-żewġ kuntratti jiskadu fil-31 ta' Ottubru 2002.

Minflok dan ix-xogħol jista' jsir billi l-Kunsill permezz ta' l-iskema tal-Community Work Scheme tal-Korporazzjoni għall-Impjieg u t-Taħriġ iwettaq dan ix-xogħol ta' knis u tindif tat-toroq.

9.(5).2 *Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens*

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva biex dan il-kuntratt joħroġ b'tender.

Id-dritt ta' ħlas għal kull offerta li tinġabar ser tkun ta' Lm 15.00.

9.(5).3 *Bulky Refuse Collection*

Il-Kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni għall-ġbir ta' skart goff.

9.(5).4 *Collection of Household Waste*

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi, l-Kunsill approva li dan ix-xogħol joħroġ b'tender meta jiġl fi tmiemu l-kuntratt preżenti. Id-dritt ta' ħlas għal kull tender miġbur huwa ta' Lm 30.00.

9.(5).5 *Upkeep & Maintenance of Access Roads & Access only & Pedestrian Streets Roads Construction & Roads Resurfacing Works*

Il-Kunsill fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop ssekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi, l-Kunsill approva li meta jiskadi l-kuntratt preżenti fil-31 ta' Ottubru 2002 ma' joħroġx kuntratt ieħor. Meta l-Kunsill ikollu bżonn joħroġ tender għal kull proġett.

9.(5).6 *Contract Management*

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada l-Kunsill approva li joħroġ tender għal dan il-kuntratt meta dan jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2002.

Id-dritt għall-ħlas għal kull tender miġbura ser ikun ta' Lm 15.00.

## 9 (6) Latrini Pubbliċl fi Triq il-Ħabs l-Antik

Il-Kunsill qabel li l-latrini pubbliċl fi Triq il-Ħabs l-Antik jiġu rijabilitati u jerġgħu jibdew jintużaw.

9.(6).1 Il-Kunsill qabel li x-xogħol ta' refurbishing isir mill-ħaddiema tal-Gvern assenjat mal-Kunsill.

9.(6).2 Il-Kunsill approva li ssir stima tal-materjal li hemm bżonn biex dawn il-latrini jibdew jiffunzjonaw.

9.(6).3 Inħatret Kummissjoni magħmula mis-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Mario Mizzi biex jieħdu ħsieb it-tmexxija ta' dan ix-xogħol.

## 9(7) Librerija Pubblika

Billi għadhu ma' nstemgħa xejn aktardwar dan is-suġġett mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, il-Kunsill huwa tal-fehma li jikteb lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u lid-Dipartiment ta' l-Artijiet biex il-Kunsill jingħata tagħrif dwar din is-sitwazzjoni.

9.(7).1 Dan qed isir għaliex il-Kunsill jixtieq li jmexxi l-quddiem il-proġett li għandhu dwar librerija u e-government f'dan il-fond.

## 9(8) Rapport dwar Attivitajiet tal-Kunsill

Il-Kunsill ġie ppreżentat b'rapport finanzjarju dwar attivitajiet imtella' mill-Kunsill minn Mejju sa Awissu ta' din is-sena.

9.(8).1 Is-Segretarju Eżekuttiv fisser d-dħul u ħruġ tal-Kunsill biex tellgħa sitt attivitajiet soċjali, kulturali u rikrejattivi juri li l-Kunsill qiegħed globalment Lm 11.93ċ minn taħt.

9.(8).2 Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

## 9(9) Mozzjonijiet

9.(9).1 Ġew ippreżentati żewġ mozzjonijiet.

Mozzjoni 8/2002 dwar ħlas lill-Ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsill għal xogħol imwettaq għall-Kunsill għax-xhur tas-Sajf wara l-ħin tax-xogħol.

Mozzjoni 9/2002 hija dwar it-tiġdid tal-kuntratt ta' l-impjieg tas-Segretarju Eżekuttiv mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2005.

9.(9).2 Mozzjoni 8/ 2002 (Kopja Mehmuża)

Il-Kunsillier Charmaine Gerada u l-Kunsillier Mario Mizzi ddikjaraw kunflitt ta' nteress minħabba li dawn il-ħaddiema huma qraba tagħhom.

Din il-mozzjoni proposta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Viċl Sindku Walter Ahar ġiet approvata.

9.(9).3 Mozzjoni 9/2002 (Kopja Mehmuża)

9.(9).3.1 Il-Kunsill iddiskuta fit-tul it-tiġdid tal-kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv. Dan sar fl-assenza tiegħu minħabba li rtira biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti fil-liberta'.

9.(9).3.2 Saret ukoll klarifikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv dwar punti fuq it-tmexxija tal-Uffiċċju tal-Kunsill li ssodisfaw l-ilmenti mressqa mill-Kunsill.

9.(9).3.3 Wara li sar dan il-Kunsill fuq proposta tas-Sindju Joseph Casha ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar approva unanimament li l-kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi mġedded għal tlett snin oħra.

## 9(10) Ilmenti mir-Residenti

Il-Kunsill qabel li l-ilmenti mressqa jieħduhom f'idejhom is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jipproċedu fuqhom.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fl-10.00pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________

---

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv